**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 22-15

**Data:** 10 ta' Settembru 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata minħabba raġunijiet personali

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Awwissu 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Vincent Bongailas

3. **Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 21.15);**

Il-Kunsilliera qajjmu 2 korrezzjonijiet mill-minuti preċedenti:

Punt 4.2 – jiġi irranġat l-isem Ġnien u jsir Ġenista Foundation
Punt 6.2 - jiġi irranġat il-punt Ftuh Uffiċjali

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċieva il-Kunsill minn naħa tad-Dipartiment tal Gvern Lokali fuq skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għax xahar ta' Diċembru.

Din l-informazzjoni ser tkun qed tintbgħat lill- Kunsilliera kollha biex min ikun interessat jgħaddi suġġerimenti dwar xi attivita' li tista issir f'Diċembru jista jagħmel dan billi jinforma is- Segretarja qabel id-data tal-egħluq tal-applikazzjoni.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill spiża li ser ikollha tintefaq minħabba il-maltemp li għamel f'Awwissu li għamel ħsara is- sistema tat- telefon u tal-bieb ta' barra, li din hija waħda neċessarja għal uffiċini tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet minn għand 'Premier Pest Control' fejn din il- kumpanija qed tirrikjedi laqgħa informali biex jispjegaw aħjar is- servizzi tagħhom fuq problemi ta' ħamiem fil-lokalitajiet.

Is-Sindku ser tkun qed tagħmel laqgħa biex b'hekk tikseb aktar informazzjoni dwar il-punt imsemmi hawn fuq.

4.4 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar 'Centre Strip' li ser tkun qed tiġi implementata fi Triq Santu Rokku minn naħa ta' Tranport Malta wara li rċeviet email bl-informazzjoni ta' hawn fuq minn naħa ta' Transport Malta stess, minħabba l-abbużi ta' sewqan eċċessiv ġewwa din it-Triq.

4.5 Is-Seg.Eżek infurmat il-Kunsill dwar kumpanija ġdida li għandha tip ta' tarmak innovattiv. Hija ukoll ġabet kwotazzjoni għal naħa ta' Triq Marina fejn fis-sena 2014 il Kunsill ħallas 3 minn nies għal fatt illi ġarrbu ħsarat fil- karozza minħabba ħoffra kbira.

Il-Kunsill qabel illi is-Sur Vincent Bongailas għandu jikseb informazzjoni minn naħa tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura jekk din it-Triq hux ser issir minn naħa tal-Gvern Ċentrali fi żmien qarib wara li l-Kunsill kiseb informazzjoni każwali minn għand xi nies biex b'hekk din l-ispiża ta' tarmak ma ssirx. Filwaqt jekk din il- parti tat Triq mhux ser issir fi żmien qarib il-Kunsill ser ikun qiegħed jagħmel it-tarmak hu bħala prevenzjoni għal inċidenti li jistgħu jinġarbu bħas snin ta' qabel.

4.6 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera jgħatu l-isem tal- persuna li ser tkun qed tirrapreżenta lill-Kunsilliera fis-Sotto Kumitat ta' Ġieħ il-Kalkara flimkien ma ċ- Chairman kif ġie maqbul mill-Kunsill kollhu matul laqgħa informali li jkun Pawlu Bongailas.

Konfermati huma:

Melanie Agius tirrapreżenta lis-Sur Vince Bongailas
Mary Debono tirrapreżenta lis-Sindku Speranza Chircop
Duncan Brincat jirrapreżenta lis-Sur Chris Bruno

Is-Sinjura Maria Sultana kellha tati risposta mill aktar fiss possibli minħabba xi kumplikazzjonijiet li inqalaw wara li hi kienet ħadet id-deċiżjoni minn ser ikun.

Is-Seg.Eżek. kellha ukoll tiċċekja ma Smart City kemm hu possibli li din l-attivita' issir għal l-ewwel darba ġewwa is-sala tagħhom.

4.7 l-Sindku uriet ritratt ta' Sqaq ġewwa Triq Santu Rokku jinfed ma Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn residenta riedet tmexxi bozza ma ħajt ieħor minħabba nuqqas ta' dawl.

Il-Kunsill qabel illi l -bozza li diġa hemm trid titħalla fejn hi pero' issir applikazzjoni oħra biex b'hekk tiżdied lampa f'din l-istess naħa fiż-żmien li ġej.

4.8 Is-Seg.Eżek uriet ritratti li ġew mibgħuta minn għand persuna illi qed ikollu diffikulta joħroġ mill-garax tiegħu ġewwa Triq Rinella minħabba illi hemm tgeġwiġijha ta' parkeġġi li ilhom hemm żmien twil. Dan l-istess resident spjega illi kien qed ikollu xi jgħid mal-persuna li għandhu faċċata tiegħu ukoll.

Il-Kunsill qabel illi din is-sitwazzjoni għandha tintbgħat lil Trasport Malta għal approvazzjoni ta' tranġar ta' parkeġġi fi Triq Rinella kif ukoll jiżdiedu il-linji sofor mal genb tal- garaxxijiet

Is-Sur Pawlu Bongailas esprima l-opinjoni tiegħu biex kemm jista jkun l-irranġar ta' parkeġġ isiru minnufih biex inaqqsu l-inkonvenjent ta' dawn ir-residenti stess.

4.9 Is-Seg.Eżek. talbet lill-Kunsill kollu l-ideat tiegħu ta' fejn jista jiġi irranġat b'elf ewro li 'ntrebħu mill-Kunsill stess minn naħa tal-GreenPak aktar kmieni f'Awwissu:

Is-Sinjura Maria Sultana issuġeriet li tiġi rranġata in- naħa ta' l-iskola billi jsiru bins ġodda forma ta' karattri, jiġu miżbugħa l-inħawi b'kuluri aktar attrajenti għat tfal u xi xogħol ta' manutenzjoni ieħor li jista jsir preferibilment qabel ma tibda l-iskola.

Is-Sur Pawlu Bongailas, Speranza Chircop, Chris Bruno kif ukoll maqbul minn Vince Bongailas ġie suġerit illi jitranġa in-naħa tal-bebbuxu ġewwa Triq Marina.

Din il-biċċa għandha bżonn bankijiet ġodda, tikħil, bins ġodda kif ukoll isir xi tip ta 'solar light' viċin l-istejġ tal-linja ta' din in-naħa minħabba il fatt illi hemm ħafna dlam.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-area tal-iskola ukoll trid tiġi irranġata minn naħa tal-Kunsill fi żmien li ġej minħabba raġunijiet varji.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku reġgħet spjegat aktar fid-dettal il- loġistika u kif ser ikunu qegħdin għaddejin l-affarijiet waqt l-attivita' li ser tkun qed titella minnha fix-Xatt.

Il-Kunsilliera Maria Sultana saħqet illi kien ikun aktar opportun kieku is-Sindku laqqgħet il- Kunsilliera minn qabel ma l-organizzatur ta' din l-attivita' biex b'hekk ikunu aktar infurmati dwar l-attivita'.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed tibgħat il-ħaddiema madwar il-Kalkara biex jiċċekjaw it-tabelli li ġew deterjorati biex xemx biex dawn jinbidlu fiż-żmien li ġej.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ittra kif ukoll petizjoni iffirmati mir-residenti li joqgħodu ġewwa l-area magħrufa bħala 'Married Quarters':

- Nuqqas ta' parkeġġ fejn huma qed jitolbu illi l-inħawi tagħhom tiġi riservata għar residenti biss
- l-istorbju tal-'Boat Parties li jidħlu ġewwa l-Bajja ta' Rinella
- nuqqas ta' dawl f'dik l-akkwata
- periklu ta' nar li jinħaraq mill-viċinanzi tal-Kalkara, pero' l-aktar li jdejjaq lir-residenti meta l-ħoss ikun qawwi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi uħud mill-ilmenti għandhom jintbgħatu lill-Awtorita' tad-Djar minħabba li dawn l-inħawi huma tal-Awtorita', kif ukoll il- punti li jaqaw taħt il- Kunsill ser ikunu qegħdin jiġu irrapurtati lid-Dipartimenti konċernati biex b'hekk inkunu nistgħu ngħinu lill- dawn ir-residenti stess.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba biex titwaħħal mera ġewwa Triq il-Missjoni Taljana faċċata ta' Triq Sir Agostino Portelli.

Il-Kunsill oġġezjona għal dan it-twaħħil ta' mera minħabba li din it-Triq hija waħda 'One Way'.

5.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar talba minn xi residenti ġewwa Triq Santu Rokku biex jitwaħħlu sinjali li juru illi Triq Rinella ġiet 'One Way' minħabba li qed jinżlu il-karozzi u jkollhom idawru.

Il-Kunsill oġġezzjona li jitwaħħlu aktar sinjali minħabba illi l-Kunsill waħħal it- tabelli kollha meħtieġa skond l-approvazzjoni / gwida ta' Transport Malta.

5.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed taħdem fuq żewġ attivitajiet imsemmijin hawn taħt li aktar dettalji dwarom ser tingħata lill-Kunsill aktar tard dan ix-xahar:

- Attivita' għat-tfal ta' 'Halloween'
- Attivita' għal anzjani amalgamata ma Jum il-Kalkara 2015

5.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi il-bozza li kellha titwaħħal in-naħa tax-Xewkija viċin ix- Xatt fuq rikjesta tal-Klabb tal-Bocci Kalkara ser tkun qed tiġi miżmuma minħabba illi il- bozoz tal-Gvern ġew irranġati u hemm dawl biżżejjed f'dawn l-inħawi.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

Is-Sur Chris Bruno bgħat il-punti tiegħu minn qabel lis-Seg. Eżek. minħabba illi ma kienx ser jattendi għal laqgħa tal- Kunsill minħabba laqgħa oħra relatata mal-Kunsill stess.

Dawn il-punti huma:

1. Jekk jista jkun iż-'Zebra Crossing' tax-Xatt li hemm fi Triq Marina tiġi mizbugħa u jitwaħlu xi tip ta' rifletturi għal filgħaxija.
2. Dalwaqt tiftaħ l-iskola u hemm bżonn nduru biż-żebgħa fejn tieqaf il-kowċ bit-tfal u l-madwar.

3. Jekk nistawx inwaħlu tabella fi-Triq is-Sienja, biex ngħatu permess lir-residenti ta' dik l-akkwata biss, ħalli jkun jistu jgħaddu fil-ħinijiet ta' meta tkun se tibda u tispiċċa l-iskola. Vetturi oħra mhux permessi.
4. Jekk jistgħux isiru il-parkeġġi ta' Triq il-Ġir minn quddiem resident sal-garaxxijiet.
5. Nistgħu bil-flus l- irbaħna nirranġaw daqxejn il-bebbuxu u forsi nwaħlu xi bins għal ħmieġ tal-klieb bħal ma hemm fi Triq il-Missjoni Taljana.

6.2 <u>**Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana**</u>

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tibgħat email formali lill-ispettur fuq il fatt illi l-ebda ġurnata ma jista jkun hemm in-nuqqas ta' Pulizija fl-inħawi ta' l-iskola waqt il-ħinijiet tal-iskola.

- Is-Sinjura Sultana għaddiet ilment dwar l-ammont ta' nar li qiegħed jinħaraq minn fuq il-braken kollha lejn il-Kalkara speċjalment fil-jiem li għaddew għal Festa tal- Bambina ġewwa l-Isla.

Dan l-istorbju tan-nar qed ikun ta' deterent fuq ir-residenti tal- Kalkara.

- Is-Sinjura Sultana staqsiet lill-Kunsill fuq kif ser jibqgħu ir-residenti li ġew mgħotija ċitazzjoni fi Triq Rinella minħabba li ġiet 'One Way', għaliex il-Kunsill ma kinietx l-intenzjoni tiegħu li jgħati iċ-ċitazzjonijiet imma biss li jiggwida lin- nies li dik it-Triq ġiet 'One Way'.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi jekk ikun hemm xi resident illi jixtieq l-għajnuna tal-kunsill dwar il-punt imsemmi hi minn naħa tagħha ser tkun qed tikteb il-petizzjonijiet f'isem ir-residenti stess.

- Is-Sinjura Sultana staqsiet lis-Seg.Eżek. jekk tħallasx is-Sur Noel Castillo tas- servizzi tiegħu li ingħataw għal l-attivita' tal-Karnival din is-sena.

- Is-Sinjura Sultana staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi tip ta' risposta fuq il-każ tal-kontijiet tad dawl mibgħutin lilna tal-ground tal-

Football sa sena 2015 meta dawn il-premises ilhom mgħoddijien lill-Dipartimenti oħra.

Is-Seg.Eżek ikkonfermat illi ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta minn naħa tagħhom minkejja li kienet laqqgħat lil persuni kkonċeranti mal-Kunsill rigward din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsil kollu qabel illi hemm bżonn inkellmu l-avukat biex b'hekk il-Kunsill jieħu azzjoni fuq dan ir-rigward.

- Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn tiġi irranġata l-area ta' l-iskola preferibilment qabel ma it-tfal jerġgħu jidħlu l-iskola biex b'hekk jidħlu f'ambjent aktar attrajenti u nadif.

**Il-Kunsillier Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti**

- Is-Sur Bongailas ikkonferma id–data ta' Jum il- Kalkara li ser tkun it-12 ta' Diċembru 2015.

  Saħaq ukoll illi hemm bżonn illi jinbdew xi affarijiet mill-loġistika ta' din is-serata għax iż-żmien qiegħed viċin biex b'hekk ikollna l-affarijiet lesti minn qabel.

**Il-Kunsillier Vincent Bongailas għadda dawn il-punti**

- Is-Sur Vince Bongailas talab li jiffriskaw il-linji tal-parkeġġi ġewwa Triq Sptar Navali
- Is-Sur Vince Bongailas staqsa dwar iż-żieda ta' żewġ parkeġġi ġewwa Triq Sptar Navali fuq il- bankina li kien issuġerixxa fis-seduta preċedenti.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi din it- talba hija mibugħta diġa minn naha tagħha lil TM biex b'hekk ikollha l-approvazzjoni kif suppost minn naħa tagħhom.

- Is-Sur Bongailas għarraf il-Kunsill illi it-taraġ imsemmi minn naħa tiegħu aktar kmieni fis- seduti preċedenti li kellu jsir minn Triq Marina li jgħati għal Triq Sptar Navali qiegħed fi proċess minn naħa tad-Dipartimenti konċernati.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgha 14 ta' Ottubru 2015 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**